**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 24 ta' Ottubru, 2016**

**Rikors Revoka Nru: 838/2016 AF**

**Grech Joseph sive Joseph Mary Grech**

**vs**

**Doreen Spiteri**

**Josef Grech**

**Dom Communications Limited (C-62617)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Doreen Spiteri, Josef Grech u Dom Communications Limited, li permezz tieghu ghar-ragunijiet premessi intalbet din il-Qorti tirrevoka l-esekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestru 537/16.

Rat it-twegiba ta' Joseph Grech sive Joseph Mary Grech.

Rat id-dokumenti annessi u dawk esibiti.

Semghet ix-xhieda viva voce ta' Emanuel Sciriha, Direttur Qrati Civili u Tribunali.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-procedura ir-rikorrenti qeghdin jitolbu r-revoka tal-esekuzzjoni ta' mandat ta' sekwestru mahrug fil-konfront taghhom wara sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Dicembru 2015.

Il-Qorti tibda biex tiskarta l-ewwel oggezzjoni tal-intimati dwar l-inkompetenza ta' din il-Qorti.  Il-Qorti tqis illi galadarba l-Qorti li ordnat il-hrug tal-mandat *de quo* kienet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, hija din l-istess Qorti li tibqa' kompetenti li tqis kull xorta ta' kwistjoni li temana mill-istess mandat.

Dwar il-mertu, jirrizulta illi fit-8 ta' April 2016 intalab il-hrug ta' mandat ta' sekwestru 537/16 fl-ammont ta' €12,000.  Dan il-mandat baqa' ma giex akkordat.  Lanqas ma ngab a konjizzjoni tal-gudikant.  Qatt ma hareg biex jigi notifikat. Sussegwentement gie sostitwit b'talba ohra ghall-hrug tal-istess mandat fl-ammont ta' €3000.  Dan ir-rikors gie debitament akkordat mill-Qorti wara li gie normalment kollazzjonat.  Gie notifikat lis-sekwestratarji regolarment. Baqa' in atti r-rikors originali li kien igib l-ammont ta' €12,000, li baqa' mhux dekretat, u ghalhekk bla effett.  Huwa dan id-dokument li possibilment ingieb a konjizzjoni tad-debituri. F'dawn ic-cirkostanzi ma tregix l-allegazzjoni tar-rikorrenti kif migjuba fir-rikors taghhom.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' Doreen Spiteri, Josef Grech u Dom Communications Limited.

Minhabba n-natura tal-kaz, kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

IMHALLEF